MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 842/2006

**Maria Borg (ID 404366M)**

**vs**

**Owen Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li bih ir-rikorrenti premettiet:

1. Illi bi ftehim verbali, l-attrici kienet taght fl-1 ta' Ottubru, 1999 b'titolu ta' kera lill-konvenut il-fond 75, St. Christopher Street, Valletta u dan versu l-kera ta' sittin Lira Maltin fis-sena. Illi skond ma jirrizulta mir-ricevuti tal-kera hawn annessi u immarkati bhala Dok. VG 1, l-ahhar kera thallset fl-1 ta' Ottubru, 2004 u ghalqet fl-1 ta' Ottubru, 2005.

2. Illi l-attrici kienet infurmat lill-konvenut li hija ma kienetx ser iggeddilu l-kera ghal sena ohra. *Di fatti* mill-1 ta'

Ottubru, 2005 lil hawn hija ma accettatx iktar il-kera ta' dan il-fond.

3. Illi minkejja dan, il-konvenut xorta baqa' jzomm il-fond bin-numru 75 f'St. Christopher Street, Valletta f'idejh u ghadu ma zgumbrax minn dan il-fond.

4. Illi din il-kirja saret fl-1 ta' Ottubru, 1999 u ghaldaqstant hija regolata mill-Att XXXI tal-1995 li jistipula illi l-konvenut ma ghandux dritt li jgedded din il-kirja galadarba din saret wara l-1 ta' Gunju, 1995.

5. Illi safejn taf l-attrici, l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba taghha.

6. Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u *in vista* ta' l-affidavit ta' l-attrici Maria Borg, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun:-

1. Tordna li l-konvenut jigi zgumbrat mill-fond bin-numru 75, f'St. Christopher Street, Valletta fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ghad-danni spettanti lill-attrici fil-konfront tal-konvenut ghall-okkupazzjoni illegali tieghu minn wara l-1 ta' Ottubru, 2005.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Maria Borg u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat Owen Camilleri debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti**, b'dan illi:

1. Tordna li l-konvenut jigi zgumbrat mill-fond bin-numru 75, f'St. Christopher Street, Valletta fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------